MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 199/2011

**AB C**
**vs**
**D E *sive* F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent pprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Lulju tal-1998 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett tfal, G, H u D li ghandhom 23, 21 u 13 rispettivament;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Burlo' sa mil-5 ta' April tas-sena 2001;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin

twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn / familji godda;

Illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut.

Illi l-partijiet obbligaw ruhhom illi jmantu lill-uliedhom meta dawn ikunu fil-kura u l-kustodja rispettiva taghhom kif ukoll qablu fuq min ghandu jhallas l-ispejjez medici u edukattivi, fost ohrajn u sallum ma hemmx arretrati ta’ manteniment jew spejjez ancillari pendenti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta prezentata mill-intimata li biha filwaqt li kkonfermat il-fatti kif dedotti fir-rikors, taderixxi mat-talbiet tar-rikorrent;

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lil partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------